Kunsill Lokali Ħal Lija

# Rapport Amministrattiv

# Għas-Sena 2024

Ikkumpilat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Pamela Seguna

PS

Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | 1 |
| **Il-Kunsill** | 2 |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | 5 |
| **Il-Finanzi tal-Kunsill: l-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | 12 |
| **Annex 1: Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | |




ps

**INTRODUZZJONI**

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-01 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2024 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija tul is-sena 2024. Fis-sena 2024, kompliet għaddeja l-ħidma kontinwa taħt it-tmien leġiżlatura, li lha topera mill-1 ta' Lulju 2019, fejn id-dmiritjiet li għandu l-kunsill komplew jitwettqu bl-aħjar mod professjonali possibbli, bla interruzzjonijiet, għal ġid tal-lokal, dan bħal ma dejjem isir. Tul din is-sena kien hemm ukoll bidla fil-Kunsill Lokali fejn it-tmien leġiżlatura ntemmet fit-30 ta' Ġunju 2024 u fl-1 ta' Lulju 2024, ġie maħtur Kunsill ġdid u ssoktat id-disa l-leġiżlatura.



ps

## 2.1 Il-KUNSILL

Għat-Tmien leġiżlatura, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, kien magħmul minn ħames Kunsilliera.

Il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Anthony Dalli** | **Sindku** |
| **Is-Sur Daniel Mallia** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Calcedonio Cini** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia** | **Kap tal-Minoranza** |
| **Is-Sur Joseph Zahra** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt it-tmien leġiżatura mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' Ġunju 2024 kienu kif ġej:

**Sindku Anthony Dalli**
L-Ambjent, Proġetti Kapitali/Unjoni Ewropea, Immaniġjar tat-Traffiku u Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', l-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Amministrazzjoni.

Is-Sindku huwa membru wkoll fil-Kumitat tar-Reġjun Lvant.

**Viċi Sindku Daniel Mallia**
Żgħażagħ u Tfal, Sports u Attivitajiet fiżiċi.

Il-Viċi Sindku huwa wkoll is-sostitutt tas-Sindku f'eventwalita li ma jkunx jista jattendi huwa għall-kumitat tar-Reġjun Lvant.

**Kunsillier Calcedonio Cini**
Indafa, Infrastruttura u l-Qasam Soċjali.

**Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia**
L-Edukazzjoni u l-Kultura.

**Kunsillier Joseph Zahra**
Integrazzjoni Soċjali, Turiżmu Lokali u Ħarsien tal-annimali.

Għad-Disa' leġiżlatura, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, kien magħmul minn ħames Kunsilliera.

Il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Anthony Dalli** | **Sindku** |
| **Is-Sur Calcedonio Cini** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sinjura Diane Abela Penza** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia** | **Kap tal-Minoranza** |
| **Is-Sur Carl Betts** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt id-disa' leġiżatura mill-1 ta' Lulju 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu kif ġej:

**Sindku Anthony Dalli**
L-Ambjent, Proġetti Kapitali/Infrastruttura, Immaniġjar tat-Traffiku u Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', Finanzi, Amministrazzjoni, Servizzi, Dipartimenti tal-Gvern u Entitajiet pubbliċi.

Is-Sindku huwa membru wkoll fil-Kumitat tar-Reġjun Lvant.



PS

**Viċi Sindku Calcedonio Ċini**
Saħħa, Anzjan Attiv, Turiżmu Lokali, Qasam Soċjali.

Il-Viċi Sindku huwa wkoll is-sostitutt tas-Sindku f'eventwalita li ma jkunx jista jattendi huwa għall-kumitat tar-Reġjun Lvant.

**Kunsillier Diane Abela Penza**
Edukazzjoni, Familja, Kultura u Fondi Ewropej

**Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia**
Integrazzjoni Soċjali, Ħarsien tal-Annimali, Innovazzjoni u Drittijiet tal-Konsumatur.

**Kunsillier Carl Betts**
Żgħażagħ, Tfal u Sports.

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Waqt it-Tmien Leġislatura bejn l-1 ta' Jannar 2024 u t-30 ta' Ġunju 2024 inżammu sitt (6) laqgħat tal-Kunsill u laqgħa waħda (1) tal-lokalita, total ta' sebgħa (7) laqgħa. L-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 62 – 68 u Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Anthony Dalli | 7 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Sindku Daniel Mallia | 5 | 1 | 1 | 71 |
| 3 | Kunsillier Calcedonio Cini | 7 | - | - | 100 |
| 4 | Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia | 7 | - | - | 100 |
| 5 | Kunsillier Joseph Zahra | 7 | - | - | 100 |

Waqt id-Disa' Leġislatura bejn l-1 ta' Lulju 2024 u l-31 ta' Diċembru 2024 inżammu disa' (9) laqgħat tal-Kunsill u laqgħa waħda (1) tal-lokalita, total ta' għaxar (10) laqgħa. L-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 1 – 9 u Laqgħa tal-Lokalità Nru. 2** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Anthony Dalli | 10 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Calcedonio Cini | 10 | - | - | 100 |
| 3 | Kunsillier Diane Abela Penza | 10 | - | - | 100 |
| 4 | Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia | 10 | - | - | 100 |
| 5 | Kunsillier Carl Betts | 9 | 1 | - | 90 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

Waqt it-Tmien Leġislatura, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, minn l-01 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2024 tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Pamela Seguna bl-assistenza ta' tlett impjegati oħra. Filwaqt li meta bdiet topera d-disa' leġislatura, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill, minn l-01 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2024 tmexxiet mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fl-assenza tas-Sa Seguna, bl-assistenza ta' żewġ impjegati oħra.



PS

Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjura Pamela Seguna** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv / Office Administrator II** |
| **Is-Sur Francesco Scicluna** | **Office Administrator I** |
| **Is-Sinjura Nicolette Mallia** | **Skrivan** |

Il-Kunsill Lokali kellu wkoll persuna oħra taħdem xogħol klerikali ssekondatha minn terza entita:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjura Jacqueline Cilia** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |

Matul is-sena 2024, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ madwar il-lokalità:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Raymond Mallia** | **RSSL** |
| **Is-Sur George Sammut** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF) (sa Ġunju 2024)** |
| **Is-Sur Paul Gatt** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Frankie Buttiġieġ** | **Engineering Resources Ltd** |
| **Is-Sur Marco Grech** | **Engineering Resources Ltd** |

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll bżonn ta' servizzi professjoni biex jigwidawh fl-operat u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Servizzi mgħottija huma kif iddettaljat hawn taħt:

**Servizz Legali** mgħoti mingħand l-avukat Dr. Errol Cutajar;
**Servizz ta' Perit** mogħti mingħand il-Perit Anthony Bezzina (MED Developers, Designers and Consultants Ltd;
**Servizzi ta'** ***Accountant u Accounting technican*** mgħotija mingħand *Borg Galea Audit Ltd;*
**Servizz ta' konsulentazzjoni dwar Permessi tal-Ippjanar** mgħoti minn *ADI Assocoiates Environmental Consultants Ltd*;
**Servizz ta'** ***Data Protection Officer*** mgħoti minn *Iuris Malta*;
**Servizz ta'** ***Contracts Manager*** mgħoti mis-Sur Raphael Carabott.

In-nies kollha msemmija hawn fuq huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Huwa grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem fi ħidmietu. Bħala Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill inħossni kburija naħdem ma' dawn in-nies u b'dan il-grupp ta' nies għandi sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.



PS

## 3.1 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart organiku**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ilu joffri s-servizz tal-ġbir ta'l-iskart organiku mill-31 ta' Ottubru 2018. Dan l-istess servizz ingħata fis-sena 2024 u għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum. L-iskart organiku inġabar bieb bieb kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. **

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Is-Servizz ta' ġbir ta' l-iskart imħallat (borża sewda) ingħata darbtejn biss, kull nhar ta' Tlieta u Sibt. **

**Ġbir ta' skart separat**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat. Dan inġabar bieb bieb nhar ta' Ħamis. **

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u kif ukoll kull tielet Ġimgħa tax-xahar, inġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb. **

**Dawn l-erbgħa tipi ta' skart hawn fuq kollha nġabru mill-Kuntrattur assenjat mir-Reġjun Lvant kif rikjest bil-liġi.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Is-Servizz tal-ġbir tal-iskart goff ingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntatja l-Kunsill biex jagħmel appuntament għal dan is-servizz. Dan is-servizz ġie offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas. Il-Kunsill dejjem ħa ħsieb jara li l-kollettur kellu permessi validi biex ikollu aċċess għal aktar minn ċentru wieħed fejn jintrema l-iskart il-goff biex ir-residenti kienu dejjem mgħoqdija. Il-Kunsill anke baqa jagħmel użu mill-WEEE trolley li tinsab fil-binja tal-kunsill fejn residenti jistgħu jiddisponu minn affarijiet eletroniċi żgħar.

**Ħruġ ta' Permessi, Ħlasijiet oħra u lmenti**
Għal-sena oħra l-amministrattiv tal-kunsill dejjem għamel mill-aħjar biex jaqdi r-residenti fejn jidħlu applikazzjonijiet ta' permessi għal diversi nġenji u għeluq ta' toroq. L-amministrattiv tal-kunsill kompla anke jopera sistema onlajn ta' kif jinħarġu l-permessi, li ġiet introdotta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. B'din is-sistema r-resident vera saret aktar faċli u effiċjenti għalih biex japplika għal permess mill-kumdita ta' daru mingħajr ma jżur il-kunsill u bħala sistema intlaqgħet tajjeb ħafna. Waqt il-ħin tal-ftuħ tal-binja amministrattiva tal-kunsill dejjem ta ukoll servizz effiċjenti ta' ħlasijiet oħra fosthom taċ-ċitazzjonijiet u l-kera. Ma' dawn ma tonqosx ukoll l-attenzjoni li tiġi mgħottija għal diversi lmenti u talbiet li tressqu tul is-sena r-residenti.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita' tinżamm fi stat nadif. Il-Kunsill għandu kuntratt tal-knis b'kundizzjonijiet tajbin ħafna fejn, kull triq fil-lokal qed tinkines darba jew darbtejn fil-ġimgħa skond il-bżonn neċessarju. Apparti minn hekk ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun aktar ta' spiss. Il-Kunsill ta' spiss kien jagħmel moniteraġġ fuq ix-xogħol li qed jagħmel il-kuntrattur biex jiġi żgurat li qed jingħata servizz tal-knis kemm jista jkun ta' livell għoli. Nemmnu li s-servizz ta' dan il-kuntratt jista jitjieb u filfatt il-kunsill fis-sena 2024 ta' spiss kien fi kuntatt dirett mal-kuntrattur biex jiżgura ruħu li qed jintbgħatu żewġ kenniesa skond il-kuntratt u li dawn ikunu fit-toroq li jkun jmisshom fil-ġurnata, skond l-iskeda tat-tindif. Il-Kunsill għadu sal-lum jara li l-kuntratt qed jiġi onorat kemm jista jkun u kif suppost.



ps

**Tisbieħ u Manutenzjoni tal-Ġonna u *playing fields***

Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-ġonna u l-*playing fields* fil-lokalita' jinżammu fi stat tajjeb. Dan billi sar żbir tal-ħaxix kif suppost u tisbieħ b'ipplantar ta' xtieli. Il-Kunsill ta' spiss jaħdem anke ma' diversi entitajiet fosthom ERA u l-kuntrattur biex b'mod speċjali l-ġnien rikreattiv jinżamm fi stat tajjeb. Fi 2024 il-Kunsill ukoll approva li tiżdied il-frekwenza ta' kemm il-darba jkun stazzjonat il-ġardinar Ħal Lija. Din il-frekwenza minn darba fil-ġimgħa żdiedet għal ġimgħatejn. Is-Sindku dejjem ħa ħsieb ukoll li jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u anke li jkun preżenti meta jkun qed isir l-iżbir biex jara li x-xogħol isir sewwa. Il-Kunsill approva wkoll li jitweħħel aktar dawl fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv fejn inbidlu l-fanali għal oħrajn ġodda u aktar moderni. Kull tip ta'tisbieħ u manutenzzjoni li l-kunsill agħmel fil-ġonna qed jiprova jsir moniteraġġ fuqhom bl-għajnuna tal-Pulizija tal-Komunita biex residenti jgawdu minn ambjent sabiħ u jkun hemm vandaliżmu u kif ukoll attivitajiet suspettużi mill-inqas. Fis-sena 2024 il-Kunsill filfatt kompla ukoll bil-ħidma nkonessjoni ma' skema tal-Gvern għall-installazzjoni ta' CCTV cameras.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**

Din is-sena bħal snin kurrenti, sar xogħol ta' rutina. Dan ix-xogħol qatt m'hu biżżejjed iżda l -kunsill ħa ħsieb li jsir xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm l-aktar bżonn. Filfatt kien hemm każijiet fejn numru ta' toroq sar *patching* fihom għal aktar minn darba, kemm mill-ħaddiema tal-kunsill u kif ukoll mill-kuntrattur tal-kunsill, f'każijiet fejn ikollok triq li tkun aktar diżastruża minn oħra.

Bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta twettaq xogħol fejn ingħata wiċċ ġdid fi Trejqet Francis Anthony Fenech.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija huwa grat ħafna lejn IM, għaliex din l-entita dejjem laqgħat it-talbiet tal-kunsill u dejjem kienet ta' għajnuna fl-implimentazzjoni ta' tiswija u manutenzzjoni fit-toroq / pavimentar. Fis-sena 2024 IM reġgħat anke ħabret li ser tkompli tassisti lil kunsill bi pjan ta' ħidma li hija kienet nediet għat-tlett snin li jmiss (2023-2025) fejn il-kunsill ġie allokat 5,000 metri kwadri ta' toroq, għal kull sena, sabiex il-kunsill jagħżel jibni mill-ġdid ċertu toroq tal-preferenza tiegħu. Apparti dawn il-5,000 metri kwadri kompla għaddej ix-xogħol rigward il-ftehiem li oriġinarjament kien intlaħaq fis-sena 2023 biex jiġi rranġat parti mill-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Dan ix-xogħol sar mill-kuntrattur tal-kunsill, evalwat mill-Perit tal-kunsill u ffinanzjat minn IM.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq u kif ukoll saru diversi sinjali tat-traffiku ġodda fir-raħal.

**Restawr fuq Ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4**

Fis-sena 2020 kien beda x-xogħol ta' restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ li baqa għaddej fis-sena 2021. Sal-aħħar tas-sena 2021 l-kunsill rrestawra l-erba biċċiet ħitan kollha li kien applika għalihom. Wara li dawn l-ħitan ġew rrestawrati, taħt l-istess miżura l-kunsill kien għadt baqalu xi fondi li jista jagħmel użu minnhom u għalhekk applika mal-entitajiet kkonċernati biex jiġi rrestawrat ħajt addizzjonali ieħor fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Ħalmann. Sas-sena 2022 dan il-proġett kien lest kollu nkluż l-ħajt tas-sejjieħ addizzjonali li żied il-kunsill. Fis-sena 2024 kien baqa biss li jitħallas il-kuntrattur l-aħħar pagament ta' retention money. Għalhekk dan il-proġett xorta waħda jrid jibqa jiġi kkunsidrat miftuħ u għaddej sakemm jitlaħħas l-aħħar pagament u tiġi ffinalizata d-dokumentazzjoni kollha li baqa pendenti kif suppost.



PS

**Sejħiet ta' Offerti**

Matul is-sena l-Kunsill ħareġ tmien sejħiet (8) ta' offerti (*Tenders/qoutations*):

- **Service tender for the collection of bulky refuse and weee using loew emission vehicle for the Ħal Lija Local Council** ( Marzu 2024) - Il-Kunsill Lokali ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mġedded is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff u kif ukoll skart elettroniku fir-raħal għal erba' snin oħra.
- **Tender for pavement Works, Maintenance Works & major patching/resurfacing Works in a resource efficient manner which considers wider environmental impacts for the Ħal Lija Local Council** (Mejju 2024 / Ġunju 2024 /Awwissu 2024) – Il-Kunsill ħareġ din is-sejħa biex ikun jista jiġi mġedded is-servizz tal-patching, Maintenance Works u paviment għal erba' snin oħra. Din is-sejħa kellha tinħareġ tlett darbiet peress li darbtejn minnom ma kienx hemm offerti jew kuntratturi nteressati.

**Skemi u Proġetti**

Matul is-sena l-Kunsill applika għal diversi fondi b'permezz ta' skemi bit-tijr li jsiru diversi proġetti għar-residenti, l-għaqdiet u għall-benefiċċju tal-lokalita. Fost l-iskemi li l-kunsill applika għalihom insibu:

- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/1/2024– Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' community gardens fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika għal xogħlijiet ta' manutenzjoni minuri fis-soft area fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, ħalli wara jkun post ideali biex forsi jista jsir Community Garden. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill ser jingħata ħaddiema mid-Direttorat biex jagħmlu xogħol ta' tikħil, kisi u żebgħa. Dan il-proġett għadu għaddej anke fis-sena 2025.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2024 – Skema Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025,** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex bħal ma jsir kull sena, ikun jista jitella għal darboħra l-Festival taċ-Ċitru (2025) u biex anke jitella Christmas Market (2024). Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha u l-kunsill kkwalifika għall-ammonti ta' €8,900.00 u €3,700.00.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2024 – Skema Community Inclusive Employment Scheme** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex jiġi assenjat bi persuna biex tagħme xogħol ta' driver u kif ukoll xogħol manwali ieħor skond il-ħtijiet tal-Kunsill. Din l-applikazzjoni ma ġietx milqugħha mid-Direttorat.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2024 – Espressjoni ta' Interess għal Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubbliċi** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex isiru xi xogħlijiet fil-latrina pubblika fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv bħal tikħil, kisi, żebgħa u rrangar ta' bibien. Din l-applikazzjoni għadha qed tiġi diskussa mid-Direttorat u l-Kunsill għadu qed jistenna risposta bl-approvazzjoni.
- **Skema Finanzjarja – Rimborż fuq fondi Mill-LESA,** kif maħrugħa mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond massimu ta' €4,000 li ġie maqsum bħala fond ta' għajnuna nkonnessjoni mal-Festa 2024 fejn kien hemm bżonn servizzi mingħand il-pulizija, civil protection, LESA u anke bżonn ta' servizzi oħra bħal ambulanzi u fire engines.
- **Skema Finanzjarja – Xiri jew Kiri ta' Tiżjien tal-Milied,** kif maħrugħa mir-Reġjun Lvant. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €3,000 għal: tiswija, żebgħa u dwal fuq tlett disinji tal-Milied, armar u fustuni ta' bozoz tal-Milied fi Triq il-Forn, Triq il-Kbira u Triq Sir Ugo Mifsud u armar ta' tlett disinji fi Triq il-Forn u bozoz Triq il-Knisja, kif ukoll xiri ta' fairy lights decorations tal-Milied fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.
- **Skema Għajnuna għal tiżjien tal-Milied fil-lokalita,** kif maħruġa mill-Malta Tourism Authority (MTA). Il-Kunsill Lokali applika għal skema li din l-entita kienet qed toffri biex isir aktar armar tal-Milied u tiżjien fir-raħal. Is-Somma ta' għajnuna li applika għaliha l-



PS

kunsill kienet ta' €3,000, u ġew utilizzati fuq l-armar tas-Siġar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni flimkien mal-ispiża tac-cherry picker biex setgħa jsir l-armar u anke nkera meter tad-dawl temporanju.

- **Skema Ġonna fl-urban,** kif maħruġa mill-Ministeru tal-agrikultura. Il-Kunsill applika għal għoxrin (20) siġra, għaxra (10) taċ-ċitru u għaxra (10) taż-żebbuġ, biex dawn jiġu miżruha fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv fi Triq G.Barbara u fi Triq Antonio Azzopardi. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettatha.
- **Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025,** kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex tiġi rrestawratha l-Kappella ta' ġewwa ċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Din l-applikazzjoni għadha qed tiġi diskussa mid-Direttorat u l-Kunsill għadu qed jistenna risposta bl-approvazzjoni.
- **LESA – Proġetti fil-Komunitajiet (2024-2026),** kif maħruġa mill-aġenzija għall-Infurzar Lokali (LESA) b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL). Il-Kunsill applika għall-tisbieħ tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv fi Triq G.Barbara li jikkonsisti fi: tranġar fi parti mill-pavimentar ta' dan il-ġnien (bil-possibilta li jsir water catchment), tibdil tal-bankijiet li għadt baqa antiki u sistema ta' dawl ġdida b'wiring ġdid. Din l-applikazzjoni ġiet milqugħha u l-Kunsill ibbenifika mill-ammont ta' €36,217.00.
- **Devoluzzjoni tal-ispazji pubbliċi fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv** – il-Kunsill fis-sena 2024 applika mal-Awtorita tal-Artijiet biex ikun jista jieħu devoluzzjoni tal-public spaces tal-ġnien u l-komun. L-Awtorita tal-Artijiet approvat it-talba tal-Kunsill u dawn l-ispazji fil-ġnien li ma kienu ta' ħadd ġew mgħoddija f'idejn il-Kunsill Lokali.

**Implimentazzjoni ta' iBins fil-Lokalita**

Il-Kunsill Lokali baqa joffri s-servizz tal-iBins fil-lokalita, biex anke jkompli jħeġġeġ lir-residenti biex jisseparaw aktar l-iskart. Dawn l-iBins jinsabu fi Triq Preziosi kantuniera ma' Triq il-Mosta u fuqhom isir moniteraġġ 24/7 bi CCTV cameras mill-LESA. Minkejja li hemm CCTVs, mhux faċli li dejjem jinqabdu ndividwi responsabbli li jkunu għamlu dumping maġenb l-iBins u l-Kunsill Lokali filfatt kemm il-darba ħa ħsieb li jnaddaf xi dumping li jkun sar ħdejn l-iBins.

**Laqgħat**

Matul din is-sena saru ħafna laqgħat u *meetings on site* ta' spiss ma' diversi entitajiet fejn waqt dawn il-laqgħat/*meetings* kemm jista jkun dejjem kien hemm preżenti s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Fost l-entitajiet ma min saru dawn il-laqgħat wieħed jista jsemmi lil kuntratturi li jagħtu servizz lil kunsill, Transport Malta, Infrastructure Malta, Heritage Malta, Ambjent Malta, il-*Works Department*, is-Sanita, il-pulizija, LESA, l-AKL, Reġjun Lvant, ERA, l-Awtorita tal-Ippjanar u aktar dipartimenti tal-gvern etc. L-iskop ta' wara dawn il-laqgħat/*meetings* dejjem kien biex il-kunsill iżomm rapport ta' ħidma tajjeb ma' kull entita jew dipartiment u biex possibilment jikseb kull tip ta' għajnuna u sapport għall-beneficċju u titjieb tal-lokal kollu.

**Ħarġiet**

Fis-sena 2024 saru madwar erba' ħarġiet li kienu jikkonsisti minn :

- Ħarġa ġurnata Għawdex f'Jum L-Omm;
- Attivita Sportiva;
- Ħarġa l-Imdina (*Walking Tour*);
- Ħarġa Vista ta' Ħamis ix-Xirka ġewwa l-Belt Valletta u
- Ħarġa – Ikla ta' wara l-Festa.

Il-feedback mingħand ir-residenti għal kull attivita kien wieħed kbir u posittiv ħafna.



PS

**Inizzjattiva – Użu ta' *heated pool Neptunes W.P.S.C***
Fis-sena 2024, bl-għajnuna tar-Reġjun Lvant, il-Kunsill Lokali baqa joffri l-opportunita lir-Residenti 60+ biex jagħmlu użu mill-heated pool ta' Neptunes W.P.S.C b'xejn mill-1 ta' Ottubru 2024 sal-aħħar ta' Mejju 2025.

**Applikazzjonijiet *Heritage Passport* għall-anzjani**
Fis-sena 2024 il-kunsill baqa joffri s-servizz lil anzjani fejn jgħinhom japplikaw għall-*Heritage passport* biex ikunu faċilment jistgħu jżuru diversi mużewijiet u postijiet storiċi b'xejn.

**Pubblikazzjoni tal-Fuljett**
Fis-sena 2024, il-kunsill kompla bil-pubblikazzjoni tal-fuljett ' Leħen il-Kunsill'. Fis-sena 2024 dan il-fuljett ġie ppublikat darba qabel spiċċat it-Tmien Leġiżlatura u nbidel il-Kunsill. Din l-edizzjoni nħarġet għal qisu Mejju 2024. Dan il-fuljett tqassam bieb bieb mill-ħaddiema tal-kunsill madwar ir-raħal kollu fejn kien hemm feedback tajjeb mir-residenti dwaru. Fil-futur il-kunsill ser ikompli joħroġ aktar edizzjonijiet ta' dan il-fuljett.

**Jum Ħal Lija u Ġieħ Ħal Lija**
Għal sena oħra ġie ċċelebrat Jum Ħal Lija. F'Jum Ħal Lija saret quddiesa fil-Knisja tas-Salvatur il-Ħadd 7 ta' Lulju 2024. Wara il-quddies fuq iz-zuntier kien hemm attivita żgħira u xi refreshments. Ġieħ Ħal Lija ma ngħata lil ħadd għaliex ma kienx hemm nominazzjonijiet pero ngħata ċertifikat ta' rikonoxximent lis-Sur Manuel Caruana.

**Festival taċ-Ċitru**
Għas-sena 2024 il-Festival taċ-Ċitru sar il-Ħadd 21 ta' Jannar 2024 fil-Pjazza Trasfigurazzjoni fuq barra, mid-9 :00am sal-4 :00pm. Dakinhar ukoll sar it-tberrik tal-annimali fejn is-Salvatur il-Qadim fejn preżenti kien hemm ukoll il-kavallerija tal-pulizija. Waqt din l-attivita' kulturali sar bejgħ ta' frott relatat maċ-Ċitru, bejgħ ta' ikel lokali u nternazzjonali u prodotti tal-għasel. Kien hemm ukoll esibizzjonijiet tal-arti, artiġjani li wrew diversi xogħolijiet li huma jagħmlu, logħob u divertiment għat-tfal, inkluż *face painting* u anke varjeta' ta' mużika. Waqt dan il-festival kien hem ukoll demostrazzjoni ta' tisjir minn chef professjonali li sajjar platti li fihom inkluda ċ-ċitru u kif ukoll demostrazzjoni minn *mixologist* li pprepara *non alcoholic cocktails* magħmulin bi ħafna ingredjenti, wieħed minnom iċ-ċitru naturalment. Kien hemm anke stalls informatiċi fuq il-post tal-ilma u kif ukoll ta' Wasteserv. Ma jonqosx ukoll il-bejgħ ta' fjuri , pjanti u ħxejjex. Kien hemm ukoll diversi attivitajiet għat-tfal fosthom attivita ta' crafts u tiżjien ta' pots, bouncy castle u show tal-magician. Din l-attivita ntogħbot ħafna minn nies u l-kunsill kellu *feedback* tajjeb immens kemm dwar il-mod ta' kif ġiet organizza l-attivita u kif ukoll fuq il-post magħżul fejn saret l-attivita.

**Tiżjin tar-raħal bid-dwal tal-Milied u attivitajiet tal-Milied**
Fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, il-Kunsill żejjen bit-tiżjien is-Siġar tal-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni. L-armar ta' dan it-tiżjien sar bl-għajnuna ta' skema mill-MTA. Il-Kunsill ukoll għamel armar u fustuni ta' bozoz tal-Milied fi Triq il-Forn, Triq il-Kbira u Triq Sir Ugo Mifsud u armar ta' tlett disinji fi Triq il-Forn u bozoz Triq il-Knisja, kif ukoll xiri ta' fairy lights decorations tal-Milied fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Dawn saru bl-għajnuna tar-Reġjun Lvant b'permezz ta' Skema Finanzjarja – xiri jew kiri ta' tiżjien tal-Milied.
Fi żmien il-Milied saru ukoll l-attivitajiet imsemmija hawn taħt mill-Kunsill Lokali :

- Ikla tal-Milied għall-komunita kollha fis-sala Villa Lia – 18 ta' Diċembru 2024
- Tqassim tar-rigali minn Mother Christmas – 23 ta' Diċembru 2024
- Bibita għal żmien il-Milied – 27 ta' Diċembru 2024

**Aktar Innovazzjonijiet**

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll li :

- fuq bażi regolari jsiru *meetings* bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff biex b'hekk l-amministrazzjoni jkollha stampa ċara tal-oġġettivi li hija tixtieq tilħaq u l-progress li hija tkun qed tagħmel ;
- fuq bażi ta' kuljum tiġi ppreparatha skeda ta' xogħlijiet jew manutenzzjoni fejn din umbagħad titqassam lil ħaddiema tal-kunsill biex tiġi mplementatha ;
- darba fix-xahar isiru *one-to-one meetings* mal-pulizija u LESA biex tingħata l-għajnuna neċessarja għal benessere tal-lokal bħal perżempju biex jitnaqqas ċertu vandaliżmu mill-ġonna u jsiru aktar patrols ;
- Fuq bażi regolari saru anke meetings bejn il-kunsill u l-contracts manager biex ta' spiss jinżamm moniteraġġ fuq il-kuntratturi kollha li jagħtu servizz lil kunsill b'mod speċjali, is-servizz tal-ġbir tal-iskart, servizz tal-knis, tal-indafa fil-latrina u kif ukoll is-servizz tal-ġbir tal-ħaxix u manutenzzjoni fil-ġonna.

## 3.2 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera – fejn il-ħidma tagħhom tikkonsisti fi relazzjoni tajba mar-residenti u jaraw li jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom fl-interess tar-raħal.
- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv - li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni tal-Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.
- Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u mifhiem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċjali tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill. Dan għandu jsir bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar.
- L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.
- L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi trasparenza u *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' Gvern Lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.3 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali u b'permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri jew direttivi li jinħarġu minn żmien għal żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati nregola ma' dan l-Att u kull avviż legali, proċedura jew direttiva.



PS

**Impjegati tal-Kunsill**

Matul din is-sena kien hemm żieda b'rata qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill, għaliex il-kunsill dejjem iżied aktar l-ammont ta' servizzi li jingħataw lir-residenti u applika għal kważi kull skema li nħarġet biex it-titjieb fil-lokalita ma jonqos qatt.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jopera l-kunsill u jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull tip ta' xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Lija, ħafna drabi jieħu ħafna ħin twil, huwa xogħol tassew moħbi, mibni, ppreparat u kif ukoll komplut mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għas-sena 2024. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li jaf ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport jew iddettaljati fit-tul.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku s-Sur Anthony Dalli, tas-sapport, għajnuna u l-impenn sħiħ li huwa kuljum juri kemm lili bħala Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll lil kumplament tal-Impjegati l-oħra u l-ħaddiema. Nirringrazzja ukoll lil Viċi Sindku Calcedonio Cini u lil kumplament tal-Kunsilliera kollha; kemm dawk li agħmlu parti mit-Tmien Leġislatura u kif ukoll dawk li agħmlu parti mid-Disa Leġislatura, tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut tagħhom lejn ir-residenti u l-lokalita'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbilta', sapport u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha b'mod speċjali lis-Sa Bonniċi Bondin li servit bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tiegħi u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tax-xogħol li huma jiprovdu. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu grupp ta' nies determinati, responsabbli u li huma kontinwament lesti biex jistinkaw u jużaw il-kapaċitajiet tagħhom biex ikun possibbli għall-aktar snin jwettqu kull tip ta' xogħol skond kif jitlob il-bżonn tal-lokal.

**IFFIRMATA**

Pamela Seguna
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DHUL U L-INFIQ

| | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|
| **Funds received from Central Government** | **447,821** | 446,764 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | **1,486** | 2,166 |
| **General Income** | **13,981** | 19,258 |
| | **463,288** | 468,188 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | **(114,088)** | (117,539) |
| Operations and Maintenance | **(178,537)** | (219,944) |
| Administration and Other Expenditure | **(94,734)** | (97,891) |
| | **(387,361)** | (435,374) |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **75,926** | 25,258 |



ps

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|
| **Government Income** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **357,540** | 322,365 |
| Other Government Income | **12,894** | 63,722 |
| Other Supplementary Government Income | | |
| | **370,434** | 386,087 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | | |
| Income from LES administration fees | **2,222** | 1,486 |
| LESA Distribution to Council | | |
| | **2,222** | 1,486 |
| **General Income** | | |
| Income from tender documents | | |
| Income from permits | **33,375** | 10,425 |
| Sundry contributions & donations | | |
| Income from Insurance Claim | | |
| Other Income | **11,790** | 3,556 |
| | **45,165** | 13,981 |
| **Total Revenue** | **417,821** | 401,554 |



ps

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Personal Emoluments** | **2024** | **2023** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Personal Emoluments include, inter alia : | | |
| Mayor's Allowance | **11,330** | 11,751 |
| Employess /Executive Secretary's Salary and allowances | **98,473** | 87,007 |
| Social Security Contributions | **8,333** | 6,872 |
| Councillors' Allowance | **15,816** | 10,250 |
| | **133,952** | 115,880 |

| **Operations and Maintenance** | **2024** | **2023** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Operations and maintenance includes, inter alia: | | |
| Repairs and upkeep: | | |
| Road/street pavements | **30** | 3,875 |
| Signs and road markings | **-** | 2,355 |
| Other Repairs and Upkeep | **37,735** | 44,110 |
| | **37,765** | 50,340 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | **48,744** | 41,436 |
| Bulky Refuse Collection | **6,299** | 7,674 |
| Road and Street Cleaning | **20,783** | 23,431 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | **9,719** | 7,139 |
| Cleaning and Maintenance - Parks and Gardens | **11,384** | 8,009 |
| Street Lighting | **466** | 5,621 |
| Other | **2,600** | 2,679 |
| | **99,995** | 95,989 |
| | **137,760** | 146,329 |



PS

| **Administration and Other Expenditure** | **2024** | **2023** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Utilities | **5,573** | 2,602 |
| Rent Payable | **1,585** | 1,334 |
| Office Services | **9,485** | 10,289 |
| Travel | **726** | 2,150 |
| Motor Vehicles Insurance/ Licence including fuel | **-** | - |
| Publications / Advertising | **6,948** | 308 |
| Professional Services | **34,733** | 33,198 |
| Community Services & Events | **31,282** | 36,760 |
| Bank Interest and Charges | **1,063** | 988 |
| Lease Interest Cost | **-** | - |
| Provision for Losses | **-** | - |
| Depreciation | **34,992** | 26,122 |
| Insurance | **11,145** | 2,506 |
| Other Expenses | **2,660** | 1,518 |
| | **140,192** | 117,775 |

PS

# RAPPORT TA' ĦIDMA 2024
# ANTHONY DALLI – SINDKU

Bħala Sindku tal-Lokalita, huwa mistenni minni u skond il-Liġi tal-Gvern Lokali li nissorvelja x-xogħol kollu li jsir mill-Kunsill, flimkien mar-responsabbilitajiet l-oħra kollha skond ix-xogħol tal-Kunsill.

Fl' 2024 kienet sena li ġabet elezzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha ġewwa Malta u Għawdex. F'Din is-sena partikolari minħabba l-elezzjoni żdied ħafna l-impenn ta' komunikazzjoni mar-residenti speċjalment meta jkollok il-Kariga ta' Sindku. L-Ispirazzjoni tat-talbiet tar-residenti tikber anke forsi dawk li m'għandhomx dritt għalihom. Il-Karattru sod, determinat u bla kuluri jrid imexxi. Is-Sapport lil kulħadd baqa prijorita, imma ndaqs għal kulħadd. L-Attivitajiet u x-xogħlijiet matul il-Kalendarju annwali tal-Kunsill baqa għaddej bħal dejjem. Insemmu:

L-Ambjent u l-Indafa Pubblika baqgħu prijorita,

Il-Festival taċ-Ċitru,

Ħarġiet Kulturali,

L-Attivitajiet tal-Milied,

L-Għajnuna lill-Għaqdiet fil-Lokalita biex jissaħħ il-volontarjat,

Attivitajiet Sportivi, Kulturali u Soċjali,

L-Organizazzjoni tal-Festa flimkien mal- forzi ta' l-Ordni,

Is-Servizzi kollha mill-Uffiċċju tal-Kunsill,

It-Trasport għall-Anzjani għal skop ta' Kura medika żdied ħafna,

L-Infrastruttura ma' diversi entitajiet tal-Gvern u parastatali ma naqsux,

Tkompla x-Xogħol ta' Restawr fuq binjiet pubbliċi bħal Knisja l-Qadima tas-Salvatur,

Spazji miftuħa aktar atraenti u tagħmir sportiv u rekreattiv aktar modern u fi stat tajjeb,

Aktar sigurta fit-toroq, dwal aktar moderni u energy efficient.

Wara li saret l-elezzjoni erġajt għal darba oħra ġejt elett bħala s-Sindku tal-Lokalita. F'din il-Leġiżlatura għandna żewġ Kunsillieri ġodda li telgħu għall-ewwel darba. Għalhekk il-Ħidma f'din it-tieni parti tas-sena kienet aktar ibbazatha fuq informazzjoni u nventarju ta' dak kollu li jagħmel minnu l-Kunsill Lokali tagħna.

Dan iġib miegħu aktar ħidma mas-Segretarju Eżekuttiv biex jipprepara aktar papers ta' informazzjoni bħala amministratur tal-Kunsill u jiena bħala Sindku mill-att politiku. Din il-Ħidma flimkien tagħmel ħafna ġid għal tmexxija aktar għaqlija u effiċjenti. Ix-Xogħlijiet pendenti tkomplew u nbdew oħrajn ġodda.

# RAPPORT TA' ĦIDMA 2024
# ANTHONY DALLI – SINDKU

Il-Kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma taqtax u finalment anke mal-Impjegati kollha tal-Kunsill u dan itejjeb is-servizzi kollha li jingħataw lir-residenti u l-lokal tagħna.

Nawgura lill Kunsillieri kollha, l-Amministrazzjoni u l-ħaddiema kollha kull suċċess fil-ħidma tagħna lkoll għal ġid ta kull minn jitlob is-servizz tal-Kunsill Lokali.

PS

# RAPPORT TA' ĦIDMA 2024
# CALCEDONIO CINI – VIĊI SINDKU

Fis-sena 2024, komplejna b'xogħol siewi għall-ġid tar-residenti u r-raħal tagħna, u dan in-nies apprezzawh għax fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali f'Ġunju 2024 dan urewh bil-vot tagħhom. Irrid ngħid grazzi kbira lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-istaff kollu tal-Kunsill għax xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom.

F'Jannar organiżżajna l-Festival taċ-Ċitru li minn sena għall-oħra qiegħed dejjem jikber u jżid il-popolarita` tiegħu. Il-qliegħ minnu ngħadduh kollu lill-kappillan b'risq ir-restawr fil-knisja. Wara l-festival komplejna b'xogħol bħal refreshing ta' yellow lines, parking bays (white lines), bdil ta' tabelli qodma u mirja ġodda. Żidna wkoll dwal ġodda fi Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Karlu Darmanin u Triq il-Forn. Dan kollu għamilnieh biex ikollna organizzazzjoni u sigurtà fit-toroq tagħna. Fejn tidħol l-indafa, bħal qtugħ ta' ħaxix ħażin ħdimna tajjeb ukoll u s-sistema tal-Bulky Refuse qiegħda ssir aktar popolari tant li kien hemm drabi fejn żidna s-servizz. Nista' ngħid li r-raħal tagħna in ġenerali huwa wieħed nadif.

Attendejt għall-seminar dwar il-Kura tal-Anzjani flimkien mas-Sindku u wara waqqaft sotto kumitat biex flimkien ma' membri mid-Dipartiment għall-Anzjanita` Attiva nfasslu programm għall-anzjani tagħna. Komplejna nagħtu b'xejn is-servizz tat-trasport lill-anzjani li jkollhom bżonn imorru l-isptar Mater Dei, l-isptar San Luqa jew iċ-Ċentru tas-Saħħa għal xi viżta.

Fil-qasam soċjali, biex inkomplu nsaħħu l-valur ta' komunita` bejnietna, organiżżajt ħarġa għal l-Imdina, is-Seba' Visti f'Ħamis ix-Xirka fil-Belt Valletta, ħarġa għal Għawdex f'Mejju kif ukoll ikla fi żmien il-Milied. Minn barra dan, għall-ewwel darba organiżżajna l-Christmas Market għal Għaqdiet ta-raħal u bibita fi żmien il-Milied biex dejjem insaħħu l-aspett komunitarju bejn kulħadd. Nemmen li b'attivitajiet bħal dawn inkomplu nsaħħu r-raħal tagħna, nkomplu ngħixu flimkien bħala familja u b'hekk tikber il-ħbiberija u r-residenti jgħixu f'armonija flimkien u mhux sempliċiment jeżistu biss fir-raħal tagħna.

PS

# RAPPORT TA' ĦIDMA 2024
# DIANE ABELA PENZA – KUNSILLIER

**Perjodu ta' ħidma**:
Ħidma li saret bejn Lulju u Diċembru 2024.

1. **Dekasteri Responsabbli:**
   i. Edukazzjoni;
   ii. Familja;
   iii. Kultura; u
   iv. Fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

2. **Attivitajiet u Xogħolijiet Implimentati**

   i. **Edukazzjoni**
   Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija huwa impenjat li joffri attivitajiet edukattivi għall-komunità, u matul il-perjodu ta' Lulju sa Diċembru 2024 ġew introdotti żewġ inizjattivi importanti:

   - **First Aid Course għar-residenti ta' Ħal Lija:** Il-kors ta' **First Aid** qed jigi offrut bla ħlas lill-komunità biex iżied il-kapaċità ta' l-ewwel għajnuna fil-każ ta' emerġenza. Dan il-kors qed issir b'kollaborazzjoni ma Jobsplus. l-għan ewlieni tal-kors hu li jiżdied l-għarfien u l-kompetenzi bażiċi ta' kura medika fost ir-residenti ta' Ħal Lija, sabiex ikollna komunta aktar preparata għal każijiet ta' emerġenza.

   - **Fitness Class fil-gimgħa għar-residenti ta' Ħal Lija:** Attività oħra li ġiet introdotta hija l-**Fitness Class**, sett ta' sessjonijiet ta' fitness li jsiru darba fil-ġimgħa għar-residenti. L-għan ta' dawn is-sessjonijiet huwa li jtejjbu s-saħħa u l-benesseri tal-komunità lokali. Dawn is-sessjonijiet huma immirati għal kull resident, immaterjali minn kemm inti fizikament attiv. Għalkemm xi persuni jistgħu diġà jkunu fizikament attivi, oħrajn jistgħu jsibu dawn is-sessjonijiet bħala opportunità tajba biex jibdew jieħdu l-ewwel passi lejn attivitajiet fiżiċi aktar regolari. Il-Kunsill tal-Ħal Lija jemmen li l-attività fiżika hija kruċjali biex tinżamm saħħa tajba.

   ii. **Il-Familja**
   Fil-qasam tal-familja, kien hemm interventi fil-ġnien ta' ħdejn lis-skola, fejn sar tindif kif ukoll saru it-tiswijiet meħtiega. Dan sabiex jiġi żgurat ambjent aħjar u aktar sigur għall-familji li jużaw din iż-żona.

   Flimkien mas-Sinkdu is-Sur Anthony Dalli, saru ukoll diskussjonijiet maż-żewġ entitajiet sportivi li juzaw il-grawnds sabiex flimkien niżguraw li l-ambjent jinżam nadif u min jiffrekwenta l-faċilitajiet sportivi ma joħloqx inkonvenjent lir-residenti ta' l-akwata. Intlaħaq qbil li għandha issir iktar ko-operazzjoni mill-entitajiet sportivi sabiex tinħoloq kultura responsabbli u rispettabbli lejn l-ambjent.

15

Bis- saħħa ta' din il-kultura ta' rispett u ħarsien, il-komunità lokali tgawdi minn ambjent nadif, li jagħmel kull spazju pubbliku iktar pjaċevoli u ħieles minn inkonvenjenzi.

iii. **Fondi ta' l-Unjoni Ewropeja**

Il-Kunsill ta' Ħal Lija jimpenja ruħu fuq l-Fondi ta' l-Unjoni Ewropea u l-kollaborazzjoni ma' proġetti Ewropej.

F'Novembru flimkien mas-Sindku is-Sur Anthony Dalli u raprezentanti ta' l-Għaqdiet tal-lokalita attendejna laqgħa organizzata mis- Servizzi Ewropej f'Malta (SEM). F'din il-laqgħa ġie spjegat is-servizz li toffri din l-entita fir-rigward ta' Fondi ta' l-Unjoni Ewropeja. Għan ieħor ta' din il-laqgħa kien l-għarfien dwar il-fondi, skemi u inizjattivi Ewropej.

3. **Attendenzi u Laqgħat:**

i. **Lija & Iklin Women Futsal**

F'Awwissu flimkien mas-Sindku is-Sur Anthony Dalli iltqajna ma' l-entita sportiva Lija & Iklin Women Futsal fejn flimkien ġie diskuss kif il-Kunsill u l-Lija & Iklin Women Futsal jistgħu jappoġġjaw attivitajiet sportivi u l-promozzjoni tas-saħħa fiżika fil-komunita. F'Settembru l-Kunsill Lokali organizza attivita sportiva għal familja kollha li fiha l-entita Lija/Iklin Nursery u Lija & Iklin Women Futsal ħadu ħsieb jorganizzaw logħob għal familji li attendew.

ii. **People's Food and Farming Alliance – Malta Europe (PFFA)**

F'Novembru flimkien mas-Sindku is-Sur Anthony Dalli, iltqajna mal-membri ta' PFFA fejn ingħatajna informazzjoni fuq l-għan ta' din l-alleanza kif ukoll ġejna infurmati fuq prattiki agrikoli sostenibbli u żvilupp ekonomiku li tħaddan din l-alleanza. L-iskop ta din l-alleanza ġiet iffurmata sabiex tipprovdi opportunitajiet għal proġetti relatati mal-agrikoltura, il-ikel, u sostenibbiltà f'Malta u fl-Ewropa. Wieħed mill-għanijiet prinċipali hu li jiffokaw fuq metodi ta' agrikoltura riġenerattiva. Ġie diskuss kif din l-alleanza tista tista tgħin lil kommunita ta' Ħal-Lija b'mod partikolari fuq sostenibilita, u prattiki agrikoli ġewwa djarna.

iii. **Konferenza organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali & Alda bit-tema: "Opportunitajiet fuq Fondi ta' l-Ewropa, Proġetti u Strategiji":**

F'Diċembru attendejt jumejn ta' taħriġ organizzat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali b'kollaborazjoni mal-alda. It-tema ta' dan it-taħriġ tratta opportunitajiet fuq Fondi ta' l-Ewropa, proġetti u strateġiji. Dan it-taħriġ għen sabiex ikomplu jissaħħu l- kuntatti mal-istituzzjonijiet Ewropej u biex jiġu esplorati strateġiji għal proġetti futuri.

**RAPPORT TA' ĦIDMA 2024**
**CARL BETTS – KUNSILLIER**

Wara li ġejt elett fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali li saru f'Ġunju 2024, ħadt il-ġurament tal-kariga ta' kunsillier f'Ħal Lija. Minn hemm kelna l-ewwel laqgħa li saret fl-1 ta' Lulju 2024 fejn is-Sindku tagħni d-dekasteri ta' Żgħażagħ, Tfal u Sport. Mill-ewwel kelli laqgħat flimkien mas-sindku sabiex nagħti l-influenza tiegħi fil-Kunsill.

Avviċinajt il-kummissjonijiet taż-żgħażagħ tar-raħal sabiex nisma' mingħandhom flimkien mas-sindku kif stajna ngħinuhom bħala kunsill.

L-ewwel attivita' li saret kienet Sports Evening li saret b'kollaborazjoni mal-Lija Football Academy. Din l-attivita' kienet immirata għal familja kollha u kienet attività ta' suċċess fejn gawdew minnha in-nies li attendew. Kelli sehem fil-loġistika u ko-ordinazzjoni minn naħa tal-kunsill għall-festa tas-Salvatur 2024. Għent fl-organizazzjoni tal-Christmas Market li sar f'Diċembru flimkien ma' l-għaqdiet volontarji tar-raħal li minnha gawdew min ġie għal attivita' u min ħa sehem biex ittela' dan il-market. Għent ukoll fl-organizazzjoni tal-festival taċ-Ċitru li kien ta' suċċess kbir li ġabret ħafna nies tul il-ġurnata kollha.

Irrapreżentajt lil kunsill għall-għeluq tar-reġjun Lvant bħala ir-reġjun tal-kultura 2024. Attendejt għal konferenza ta' Sportsmalta fl-anniversarju ta' l-10 snin tagħhom bħala organizazzjoni.

Il-kunsill ippreparajna sabiex jibda il-proġett tal-kunsill tat-tfal ġewwa Ħal lija.

Attendejt għal laqgħat kollha li saru fl-ewwel sitt xhur ta' din il-leġiżlatura u semmajt leħni għal ġid tal-komunita' u ressaqt ilmenti li avviċinawni bihom il-Lijani. Peress li jiena kunsillier ġdid elett drajt kif tinqasam il-laqgħa tal-kunsill u ħadt sehem fl-estimi finanzjarji 2025 flimkien mal-kunsill.

L-esperjenza tiegħi ma' l-istaff u segretarji tal-kunsill hija tajba ħafna.

Nixtieq nirringrazzja lill-elettorat kollu, minn din il-leġiżlatura qed nieħu esperjenza ta' kif jaħdem il- kunsill u r-responsabbilta' minnhu nnifsu tal-kunsill fil-lokalita'. Jien bħala kunsillier ser inżomm kuntatt mar-residenti sabiex nkompli l-ħidma tiegħi sabiex intejjeb il-ħajja fil-lokalita' ta' Ħal Lija.

PS

**RAPPORT TA' ĦIDMA 2024**
**LORRAINE FARRUGIA MUSCIA – KAP TAL-MINORANZA**

Hu ta' pjaċir għalija li għal darb oħra l-poplu ta' Ħal Lija oġġħbu jerġa jagħtini l- fiduċja tiegħu biex nerġa nkun parti mil-Kunsill ta' Ħal Lija. Tul dawn is- snin bla dubju tiltaqgħa ma' diversi sfidi u avvenimenti li jvarjaw skond il-perjodi ta' żmien u dejjem tiżviluppa l-idea skond il-perkors ta' żmien.

Bħala Kunsillier wieħed jiġi espost għal bosta attivitajiet, laqgħat, taħriġ u sehem minn diversi entitajiet ta' konnesjonijiet diversi mal- Kunsilli Lokali bħal ma' huma l- Assoċazzjoni tal-Kunsill Lokali, Reġjun Lvant, Dipartimenti tal-Kunsilli Lokali u diversi Ministeri. Dawn kollha jimxu għal għan wieħed li jtejbu oqsma vasti fl-irħula tagħna biex flimkien mal-Kunsilli Lokali nkunu nistgħu navvanżaw il- quddiem b' diversi proġetti provduti, attivitajiet u fondi allokati biex jiffaċilitaw l-operat tal-Kunsill.

Bil- bosta laqgħat li attendejt ma' entitajiet differenti stajt nesplora kemm lokalment u kif ukoll globalment wieħed x' jista jisfrutta biex ikun qrib iktar iċ- ċittadin tal-lokal u jgħinu f'diversi aspetti tal- ħajja ta' kuljum. Huwa ħasra li xi kuntant meta jiġu spjegati lilna u murija proġetti nternazzjonali wieħed ma' jkunx jista jatwhom lokalment sforz nuqqas ta' riżorsi li jkunu jinsabu fil-gżejjer tagħna. Proġett li nixtieq nsemmi f' dan ir- rigward u li proponejt hu l- faċilita ta' "*duel water fountain*" dan il-proġett innovattiv li jippermetti li kemm nies li jkunu qed jagħmlu l-passiġata tagħhom jew xi ġirja u kif ukoll jduru bil-klieb tagħhom u kif ukoll qtates li jgħixu barra jkunu jistgħu jibbenefikaw minn funtani tal- ilma , kemm fl- livell għoli daqs tul ta' persuna u kif ukoll minn level baxx għal annimali bħal klieb u qtates li wieħed jkun jista jixrob minnhom biex jtaffi l- għatx speċjalment fix – xhur sħan.

Fil- qasam ta' l- annimali kelli wkoll xorti nkun parti minn konferenza fejn fiha ippermettitli nitħarreġ fuq l- benefiċċji li wieħed li għandu l- annimali jew jieħu ħsieb l- annimali jista jieħu bħala benefiċċji, x'qed isir bħala protezzjoni għal annimali u kif ukoll fejn jista jitlob l- għajnuna f' każi relatati ma' l- annimali u kif ukoll meta jintaqaw ma' xi annimal ferut fit-toroq x'azzjoni trid tittieħed. Informazzjoni bħal din ma' tkunx valida u biżżejjed pero jekk ma' taqsamix ma' min hu qrib ta' l- annimali u għalhekk bi proposta li ġiet aċċettata mil-kunsill stajt nlaqqa l- *cat feeders* li huma miktuba mal-kunsill tagħna biex id- Direttur ta' Drittijiet ta' l- annimali offra spjegazzjoni sħiħa tar- Riforma ta' l-annimali, l-benefiċċji li toffri u l- bosta għajnuniet li wieħed skond il-każi differenti jista japlika u kif ukoll l-progress li qed issir għal favur l- annimali.

**RAPPORT TA' ĦIDMA 2024**
**LORRAINE FARRUGIA MUSCIA – KAP TAL-MINORANZA**

Kulħadd jaf kemm huma għal qalbi tfal, u għal dis- sena ergajt għal darb oħra nkun parti mil-ferħ tagħhom fl- attivita ta' tqassim tar- rigali bil-kostum ta' *Mother Christmas* fuq iż- żiemel, din id-darba stajt mhux biss nqassmu dak ir-rigal magħżul imma kif ukoll proponejt u stajt nagħti dak it-token/ rigal żgħir mil-kunsill lil kull tifel u tifla li jpparteċipaw biex nżiedu l- ferħ tagħhom għal din l- attivita. Din l- attivita kompliet tkun iktar allegruża bid- daqq tul it-triq kollha.

Nagħlaq dan il- messaġġ billi ngħid li bħala kunsillier hu fi dmir tagħna li nkomplu nitħarġu u nisfruttaw l-opportunitajiet li jofrulna l- entitajiet ikkonċernati. Kunsillier, ilu kemm ilu fil-kunsill dejjem għandu x'jitgħallem għal ġid kemm tal-lokalita u kif ukoll tar- residenti li jgħixu fiha. Hawn ma' nistax ma' nirringrazzjax lil diversi entitajiet governattivi li bil-proġetti u l- fondi li jofrulna biex inkunu nistgħu mmexxu r-raħal tagħna l- quddiem.

---

Attendenza ta' Laqgħat, seminars u konferenzi nkonnessjoni max-xogħol tal-Kunsill Lokali (Lulju 2024- Marzu 2025)

<u>Lulju 2024</u>

- 5 ta' Lulju- Reġjun Lvant Cultural Musical Event- Transfiguration Avenue
- 7 ta' Lulju- Jum Ħal Lija- Quddiesa u bibita ta' l-okkazzjoni
- 17 ta' Lulju – Press Conference- Devoluzzjoni Ġentru Rikreattiv

<u>Awwissu 2024</u>

- 6 t' Awwissu- Paniġirku
- 9 t' Awwissu- Ikla ta' wara l- festa tal- kunsill
- 19 t' Awwissu- Press conference- Restawr tas- Salvatur Il- Qadim

<u>Settembru 2024</u>

- 6 ta' Settembru-fun sport activity with children and families – Lija Local Council
- 24 ta' Settembru- Stedina għal merħba ta' Leġislatura ġdida oħra tal-kunsilli lokali mill-Eċċelenza tagħha l-President Miriam Spiteri Debono ġol-ġnien tal- Palazz ta' San Anton

PS

# RAPPORT TA' ĦIDMA 2024
# LORRAINE FARRUGIA MUSCIA – KAP TAL-MINORANZA

Ottubru 2024

- 3 t' Ottubru- Seminar – Empowering Local Councils- Reġjun Lvant
- 3 t' Ottubru- Online- Tribunal- Mille Fiori- Daniel Sammut street
- 22 t' Ottubru- Training- The Malta Foundation for Wellbeing of Society-Child safeguarding training for Local and Regional Council Members- Association of Local Council
- 31 t' Ottubru- Pink October Seminar – Reġjun Lvant

Novembru 2024

- 22 ta' Novembru- Conference- Increasing digitalization awareness and readiness of Maltese communities- Association for Local Council
- 25 ta' Novembru- Konferenza – Riformi għat- Trattamenti ta' l- annimali

Diċembru 2024

- 1 ta' Diċembru- Kunċert mil- Banda San Piu X fit- Teatru Manoel
- 12 ta' Diċembru- Closing Celebration of Year of Culture Region- Reġjun Lvant
- 14 u 15 ta' Diċembru – Christmas Market organizzat mil- Kunsill lokali ta' Ħal Lija
- 18 ta' Diċembru- Ikla ta' l- anzjani- Kunsill Lokali Ħal Lija
- 21 ta' Diċembru- Ikla membri u ħaddiema – Kunsill Lokali Ħal Lija
- 23 ta' Diċembru- Tqassim tar- rigal madwar ir- raħal bil- kostum ta' Mother Christmas
- 27 ta' Diċembru- Bibita taż-żmien tal-festi tal- Milied mill-Kunsill Lokali Ħal Lija għal voluntiera u rappreżentanti tal- għaqdiet

Jannar 2025

-17 ta' Jannar- Virtual Malta Launch- Reġjun Lvant

- 19 ta' Jannar- Festival taċ-Ċitru, Kunsill Lokali Ħal Lija

Frar 2025

- 28 ta' Frar- Dipartiment tal- Ħarsien ta' l- annimali- Laqgħa nformattiva fuq riforma ta' drittijiet ta' l- annimali mal- Cat feeders ta' Ħal Lija

PS

**RAPPORT TA' ĦIDMA 2024**
**LORRAINE FARRUGIA MUSCIA – KAP TAL-MINORANZA**

<u>Marzu 2025</u>

- 8 ta' Marzu- Laqgħa ta' diskussjoni mis-Segretarjat tal- kunsilli lokali għal kunsilliera nisa f' Jum il- Mara.
- 14 ta' Marzu, Fire warden training at Civil Protection Department- Association of Local Councils